kawtiela illi l-alfabet tiegħu jfixkel fil-qari ta' xi ilsna oħra li miegħu ma jaqblux, u li t-tagħlim tiegħu mhu ta' ebda fejda, iżda ta' telf ta' żmien.

Ladarba l-lum waslet is-siegħa illi l-Malti kellu jidħol għas-sewwa fl-Iskejjel b'tama illi t-tagħlim tiegħu, kulma ż-żmien igħaddi minn fuqu, għandu jitwettaq fil-jedd li ħa bħala lsien tal-poplu Malti, ladarba għal raġuni kostituzzjonali, muniċipali, letterarja, jew nazzjonali, prattika jew mhix, inħass il-bżonn illi l-Malti kellu fl-aħħarnett, bħala lsien tal-poplu, jidħol fil-Qrati, fl-Amministrazzjoni u fl-Iskejjel, aħna ma nistgħux ma nġibux quddiem għajnejna x-xbieha ta' Vassalli b'dak kollu li għadda minn fuqu, bix-xogħol kollu li ħadem għall-Malti. U l-ħsieb imur sew sew fuq dik is-Sejħa li hu kien għamel lin-Nazzjon Maltija fil-bidu tad-Dizzjunarju li ħareġ fl-1796 fejn, wara li wettaq l-ewwel ħsieb tiegħu li xogħlu sar għall-ġid ta' Pajjiż twelidu, wara li stqarr il-fehma tiegħu fuq il-fejda tat-tagħlim tal-Malti, wara li fisser ruħu illi jitfa' taħt saqajh it-tmaqdir ta' dawk li, bla ma huma mdawlin biżżejjed u mħarrġin fit-tagħlim tal-Malti, iżda b'għira, mibegħda jew għal xi għan ieħor, ħabtu mill-bidu jfixklu x-xogħol sħiħ tiegħu u jaqtgħulu jiesu bi tmegħir fieragħ, huwa fl-aħħarnett ifisser illi—għalkemm dak id-Dizzjunarju, bħala l-ewwel biċċa xogħol li fih għamel l-akbar tiftix tar-reqqa, jista' jkun fih xi nuqqas fit-tifsir ta' kliem—huwa jittama li jkun ta' fejda mhux biss għall-Maltin ta' żmienu, iżda għal dawk il-Maltin l-oħra li għad iridu jiġu wrajh wara żmien twil.

Il-ħolma ta' Vassalli donnha li l-lum għodda twettqet, iżda sabiex titwettaq għal kollox jaħtieġ li l-ewwelnett ma ninsewx li m'aħniex fiż-żminijiet ta' Vassalli, illi fih il-Malti sata' jgħaddi bħala *studju akkademiku* u xejn iżjed, u għalhekk, inqisu illi fit-tagħlim tal-Malti sew fl-Iskejjel Elementari, kemm f'Iskejjel Ogħla, u, saħansitra, jekk qatt fl-Università, immorru mal-ħtieġa taż-żminijiet; tagħlim ta' kitba, tagħlim ta' grammatka, tagħlim ta' letteratura Maltija għaliha, bla ma din tmiss u tingħaqad ma' studju ta' ilsna oħra sħabha li l-lum, jew għax mejtin jew għax għandhom bixra ta' taħriġ letterarju kollu kemm hu orjentali, ma jistgħux jagħtu lit-tagħlim tal-Malti ħlief għamla akkademika ta' ebda fejda letterarja u prattika għal pajjiżna, ħaġa li tista' aktarx tisfa' ta' ħsara milli ta' ġid.

Fuq kollox jinħtieġu tliet ħwejjeġ: il-fehma t-tajba ta' Vassalli u mħuħ li jixbhu lil tiegħu, iżda mbagħad dehen prattiku iżjed minn tiegħu.

TMIEM

# MEJJU

Xtaqt li waħda minn kull nisel
ta' kemm hawn ilewwen ward,
u minn kull ħaxixa, fergħa
li trodd fwieħa fuq wiċċ l-art,

u daw'l-lwien ta' ward u ħxejjex
ta' kull fwieħa jiena nlaqqa';
u tiżwiqa f'ħodon wieħed
"lwien u fwieħa" norbot f'daqqa

u nagħtihom lil Marija
biex ġe ħdanha fis tilqagħhom!
Żgur li tgħożżhom, tifraħ bihom:
għaliex Binha kien żeragħhom!
Hu sawwarhom! Hu saqqihom!
Hu kabbarhom u fewwaħhom!

R. M. B.

Mejju.

Is-sur R.M.B. talabna ngħarrfu li l-aħħar kliem ta' l-artikolu tiegħu fuq *is-Sena u d-dawrien tad-Dinja max-Xemx* fl-aħħar ħarġa tagħna (p. 7) iridu jkunu "13-il-jum warajna".

# TAGĦRIFA

L-aħħar biċċa ta' din il-ħarġa ta' Il-Malti ħallejnieha bħala tifkira ta' ĠANNI VASSALLO, li miet meta konna ġa bdejna nistampaw dan il-ktieb. Għalhekk nitolbu lill-kittieba jaħfrulna jekk ma jsibux hawn xi kitba tagħhom li forsi kienu jistennewha. Ħallejna wkoll il-*Biblijografija* li soltu nġibu tal-kotb stampati bl-ortografija tagħna li jkunu ħarġu ma' tul it-tliet xhur u ġibna biss il-lista tagħhom fl-aħħar faċċata.